MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 104/2005

**George Farrugia**

**vs**

**Charles Andrew Cordina**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex inti konvenut m’ghandekx tkun kkundannat thallas disa’ mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm971.63) liema ammont bhala kera li ghandha tithallas bil-quddiem lill-attur rapprezentanti hlas mill-ewwwel ta’ Dicembru 2005 sa l-ahhar ta’ Mejju 2006 tal-fond ossia garaxx minghajr isem jew numru ufficjali fi Triq Pjazza Kennedy, Rabat, Ghawdex bl-imghax legali

mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' Novembru , 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru , elfejn u hamsa (2005) u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilek f'Dicembru , elfejn u hamsa (2005).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga' intom ingunti."

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat la pprezenta r-risposta entro t-terminu gudizzjarju preskritt u l-anqas deher ghas-seduti mizmuma minn dan it-Tribunal

Ra d-deposizzjoni tal-attur li kkonferma l-kreditu mitlub fl-avviz tat-talba

U peress ghalhekk it-talba attrici tinstab ippruvata

Jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM971.63c ammont ta' kera pagabbli bil-quddiem ghall-perjodu mill-1.12.2005 sal-31.05.2006 ghall-fond bla isem fi Pjazza President Kennedy Victoria Ghawdex bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali ta' Dicembru 2005 sad-data tal-eventwali effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali gia ndikat kif ukoll dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Novembru 2005

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------